**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 39 - IT-TLIETA 12 TA' AWWISSU 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fid-8:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi-Sindku |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Minħabba li s-Sindku kienet avżat li se tasal ftit tard, il-laqgħa bdiet titmexxa mill-Viċi-Sindku.

1.2. Is-SE informa li ma kienx ta kopja tal-minuti tal-aħħar laqgħa lill-Kunsillieri għaliex ma laħħaqx ivverifikahom. Madanakollu offra li jaqra l-abbozz xorta waħda iżda l-Kunsill qabel li jkunu ippreżentati fil-laqgħa li jmiss.

1.3. Is-SE informa li kienu ġew installati l-*cameras* fil-Ġnien Toni Vella u l-*Minipitch*. Sadanittant huwa kien reġa' kellem u kiteb uffiċċjalment lill-kuntrattur li kellu jinstalla l-bankijiet il-ġodda wara li dan infurmah li l-bankijiet kienu għadhom m'humiex ordnati u għaldaqstant ma kinux se jaslu fil-ħin għall-ftuħ tal-ġnien.

1.4. Hawnhekk waslet is-Sindku u kompliet tmexxi l-laqgħa hi. Il-ħin kien id-8:50pm.

1.5. Is-Sindku infurmat li l-għada stess hija kienet se tkellem lil dan il-kuntrattur u tagħtih data sa meta għandu jinstalla dawn il-bankijiet inkella jsib xi metodu alternattiv sabiex il-bankijiet ikunu f'posthom dakinhar tal-ftuħ.

**2. KOMMUNIKAZZJONIJIET**

2.1. Is-Sindku infurmat li l-attività ta' San Pawl tat-Tarġa se tinżamm nhar il-Ġimgħa 29 ta' Awwissu 2008 fit-8pm. Din kienet se tikkonsisti f'lejla mużiko-letterarja fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina bil-parteċipazzjoni ta' Orkestra tal-kordi taħt it-tmexxija tas-Sur Christopher Muscat. Wara kien se jinżamm riċeviment żgħir. Kien hemm qbil li għandhom isiru riklami fuq il-fuljett tal-kunsill u stqarrijiet fuq il-midja lokali.

2.2. Is-Sindku esprimiet ix-xewqa li fl-attività jkun hemm preżenti membri ta' l-istaff bħala *ushers*.

2.3. Il-Viċi-Sindku talbet li fuq il-Kuntatt jiddaħħal avviż dwar il-wirja ta' l-arti, delizzji u snajja.

2.4. Is-Sindku fakkret fl-istedina ta' Suor Michelina Catania għall-Ħadd.

2.5. Is-SE informa li kien tlesta r-restawr tal-inkwadru tan-niċċa ta' T'Alla u Ommu. Kien hemm qbil li dan l-inkwadru għandu jinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill filwaqt li titpoġġa kopja tiegħu fin-niċċa.

2.6. Is-SE informa li l-Kunsill kien irċieva kopja ta' ittra li l-Każin Nazzjonalista kien bagħat lill-Ministru tal-Ġustizza fejn esprimew il-preokkupazzjoni tagħhom għat-tul 'żejjed' fil-proċess tal-inkjesta tal-Każin tal-Banda Peace. Din l-ittra inqrat mis-SE.

### 3. ĦLAS TA' KONTIJIET

3.1. Is-SE informa li, minħabba l-problema ta' nuqqas ta' staff, ix-xogħol konness mal-kredituri ma kienx qed ikun possibli li jiġi aġġornat regolarment. Huwa wera t-tama li dan ikun possibli jekk ikun impjegat xi ħadd ġdid li jaf sewwa l-*accounts* u s-*Sage*. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk ma kienx possibli li jipprepara l-lista sal-ħin tal-laqgħa. Il-Kunsill qabel li l-ħlasijiet, fejn ma jkunx hemm problemi u jkunu ta' rutina, jew li l-ordnijiet ikunu diġà approvati qabel, għandhom isiru.

### 4. AĠĠORNAMENT DWAR IX-XOGĦLIJIET TAL-KUNSILL

4.1. Is-SE informa li fil-preżent kien qiegħed jikko-ordina x-xogħol ta' traqqigħ maġġuri fi Triq V. Boron u x-xogħol fuq Triq l-Alfier. Il-Kunsillier Sciberras ġibed l-attenzjoni dwar il-qlib tat-triq u ssuġerixxa li tiġi taqleb fuq in-naħa ta' l-għelieqi. Sadanittant ġibed ukoll l-attenzjoni sabiex isir tindif u qtugħ ta' ħaxix fi Triq Ġdida fi Triq Santa Marija.

4.2. Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tas-SE dwar il-fatt li l-konok tas-siġar li hemm fil-pjazza huma mimlijin ħmieġ. Is-SE informa li kien se jirrapporta b'dan lill-ELC.

4.3. Il-Kunsillier A. Grech semma l-bżonn li l-Kunsill jieħu xi tip ta' azzjoni dwar Triq ta' Mezzi minħabba li kienet f'sitwazzjoni diżastruża. Il-Kunsillier Sciberras qabel mat-talba tal-Kunsillier Grech.

4.4. Ġie irrapurtat li kien hemm bozza maqtugħa fi Triq Castro u li kien ilha madwar xahar maqtugħa u rrapurtata. Il-Viċi-Sindku fakkret lis-SE dwar bozza li kien hemm talba biex titneħħa fi Sqaq Nru 12 fi Triq Santa Luċija u li kienet għadha ma ttieħditx azzjoni fuqha.

### 5. L-ATTIVITÀ TAL-*MALTA COMMUNITY CHEST FUND* FIN-NAXXAR

5.1. Is-SE informa li l-attività tad-donazzjonijiet ta' flus lill-MCCF rappreżentat mill-ET il-President tar-Repubblika kienet se tinżamm nhar il-31 ta' Awwissu fid-9:30am fil-Każin tal-Partit Nazzjonalista.

### 6. L-INAWGURAZZJONI TAL-PROĠETT TAL-BANDLI

6.1. Kien hemm qbil li l-attività tal-inawgurazzjoni tal-Ġnien Toni Vella u l-*Miniptich* għandha ssir fl-istess ġurnata qabel l-attività tad-donazzjonijiet lill-MCCF. Kien hemm qbil li ssir plakka ta' l-okkażjoni u dak kollu li hu meħtieġ għal attività simili.

## 7. AĠĠORNAMENT DWAR L-IMPJIEG TA' SKRIVAN/A

7.1. Is-SE informa li l-għada l-Erbgħa kif ukoll it-Tnejn kien se jkun hemm l-intervisti għall-impjieg ta' skrivan/a.

## 8. PROPOSTI GĦAR-RIFORMA TAL-KUNSILLI LOKALI

8.1. Is-SE talab lill-Kunsill sabiex jgħaddulu xi proposti għar-riforma tal-Kunsilli Lokali sabiex ipoġġihom fuq lista biex tgħaddi għand is-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said waqt laqgħa li kien se jagħmel mal-Kunsill fil-ġranet li ġejjin.

8.2. Fost oħrajn issemmew problemi dwar toroq ġodda; problemi minn kuntratturi irresponsabbli li jtellgħu bini ġdid u jħallu toroq u bankini mkissra; problemi b'bozoz; bżonn li jkun hemm penali ġusti u miżuri dixxiplinari serji fil-konfront ta' kuntratturi li ma jwettqux l-obbligi kuntrattwali tagħhom; diskrepanza kbira bejn kuntratti mal-Gvern Ċentrali u oħrajn mal-privat; għandu jingħata onorarja lil kull kunsillier; il-Gvern Ċentrali jingħata fondi speċjali għal proġetti oħra; għandu jkun hemm riżorsi biex tiġi impjegata persuna fuq proġetti ta' l-UE; il-Kunsill ikollu l-fakultà li jagħmel użu minn art pubblika fil-lokalità tiegħu kif jidhirlu hu; m'għandux jintalab ħlas lill-Kunsill mid-Dipartiment tal-Artijiet biex isir jaf dettalji tas-sidien ta' artijiet fil-lokalità tiegħu; problemi bil-*boundary walls*; talba biex persentaġġ żgħir mill-VAT li jħallsu n-negozji tal-lokal jgħaddu lill-Kunsilli Lokali; għandu jkun hemm uniformità mingħajr burokrazija żejda fir-relazzjonijiet bejn il-Kunsilli u entitajiet u aġenziji ewlenin.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-11:05pm mingħajr ma ġiet iffissata ġurnata għal-laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| *(iffirmati)* | *(iffirmati)* |
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |